**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Robert Caruana**

**Kumpilazzjoni Numru: 1097/13**

**Illum, 19 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Robert Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 348964M.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2012, ghall-habta tat-08.30 ta' filghodu, gewwa l-Floriana;

1. ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Joseph Bonello, liema offizi jitqiesu li huma gravi skond kif iccertifika Dr. Daniel Barta M.D.;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Joseph Bonello u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tieghu li hija netta;

Rat l-atti kollha inkluz ix-xhieda tal-imputat u t-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Illi din il-kawza tittratta dwar incident fil-parkegg tal-Awtorita' tal-Ippjanar bejn l-addett tal-ipparkjar u l-imputat.

Illi apparti l-verzjonijiet tal-pulizija nvoluti wara l-incident, il-Qorti tinsab rinfaccjata bil-verzjonijiet tal-imputat u l-parte civile dwar ezatt x'gara.

Illi t-tnejn qablu illi l-imputat ried jipparkja fil-parkegg tal-Appelli tal-MEPA u l-parte civile jghidlu sabiex iressaq tliet darbiet u wara t-tielet darba dan gie jigri warajh u minn hawn jinbidlu xi ftit il-verzjonijiet.

Il-parte civile qisu jittrattjeni ruhu fuq id-dettalji u kull ma jghid hu li l-imputat xejjirlu daqqa ta' ponn fejn huwa ghalhekk sofra griehi gravi f'imniehru hekk kif iccertifikat minn Dr. Barta u sofra wkoll lacerazzjoni f'imniehru zghira li ghalkemm forsi mhux permanenti gabet id-dizabilita' ta' hamsa fil-mija.

Illi mill-verzjoni tal-imputat hargu aktar dettalji ghaliex hareg illi wara li l-parte civile gie jigri warajh dan beda jghajjru injorant u wara argument li kellhom

bejniethom dan zammu minn idejh u minn ghonqu u l-imputat xejjer l-id li kellu b'xi karti f'idejh u laqat wicc l-istess parte civile. Minn hemmhekk waqghu mal-art u x'hin regghu qamu kollox waqaf hemm.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati treggi legalment u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta'

Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favor, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-kaz in ezami si tratta ta' feriti gravi volontarji u hawnhekk qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti** deciza fid-18 ta' Settembru 2013 fejn inghad:

> *"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Izda pero' l-verzjoni tal-imputat fuq il-fatti kif graw huma li wara li l-parte civile ripetutament baghtu jcaqlaq il-karrozza minn postha, dan tal-ahhar gie jigri ghalih u bed jghajjru injorant u wara alterazzjoni li kellhom b'mod verbali, il-parte civile qabdu minn ghonqu u fil-pront l-imputat xejjer idejh bil-karti li kellu f'idu u laqtu f'wiccu. Minn hemmhekk waqghu it-tnejn mal-art u kulhadd mar ghat-triq tieghu. Mhux talli hekk, talli l-imputat, wara li mar fil-bini tal-Awtorita' ghaliex hemmhekk kellu xi apputament, huwa rega' mar fejn gara l-incident sabiex jitkellem mal-pulizija u jaghti l-verzjoni tieghu. Illi l-imputat ukoll kien garrab griehi hfief f'dan l-incident.

Illi din il-Qorti tirritjeni l-verzjoni tal-imputat bhala wahda fattwali u veritjiera fl-ewwel lok ghaliex kienet dejjem l-istess verzjoni identika mill-bidu sa issa u anke mill-verzjoni tal-parte civile din il-Qorti thoss li kien hemm xi bicciet li hu ma kienx komdu li jghid. Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-elementi ta' legittima

difeza jidhlu perfettament f'dan l-incident u f'dan ir-rigward taqbel perfettament mas-sottomissjonijiet li saru min-naha tad-difiza f'dan ir-rigward.

Il-ligi fl-artikoli 223 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal din id-difiza:

> *"Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** deciza fil-5 ta' Frar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi:

> *"L-eccess ta' legittima difeza hu dovut ghan-nuqqas ta' proporzjonalita' jippostula necessarjament l-estremi tal-legittima difeza, b'dan li wiehed ikun mar oltre dak li kien strettament mehtieg."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro** gie ritenut illi:

*"Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu (l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali). Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."*

Illi ghalhekk certament u ghalkemm forsi bil-gest tieghu l-imputat ikkaguna xi griehi lill-parte civile (ghalkemm mhux car ezatt x'kienu) dan ghamlu ghaliex kien qed jigi mhedded fizikament permezz tal-agir tal-parte civile li kien qieghed izommlu ghonqu u jdejh u b'hekk l-unika azzjoni plawzibbli li ghamel hi li xejjer idejh lejn wicc il-parte civile sabiex dan jieqaf. Minn hemhekk huma waqghu fl-art u kollox waqaf hemm. Li kieku l-imputat kompla jaghtih hemmhekk din id-difiza ma kinitx tista' tigi nvokata.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Robert Caruana** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**